# Ferdinando Camilleri

## (1859-1942)

# Wirt mużikali li għadna ngawduh illum

**Noel D'Anastas**

Bosta huma dawk il-parroċċi li għadhom igawdu mill-mużika li ħalla warajh is-Surmast Ferdinandu u ibnu Ġużeppi Camilleri. L-Imqabba huwa wieħed minnhom fejn il-mużika sagra ta' Camilleri għadha tindaqq b'mod solenni fil-festi tagħha. Il-quddiesa kbira tiegħu jew aħjar dik magħrufa bħala tat-'Trombi' hija ġawhra ta' din il-familja mużikali li kienet ħadet f'idejha parti kbira mill-*cappella* mużikali li kellha d-dinastija ta' Bugeja bosta snin ilu.

Niftakar lejn tmiem is-snin tmenin, meta parti kbira mill-arkivju li kien ħalla warajh Ġużeppi Camilleri wara mewtu, kien ingħata minn martu Elena lill-arkivju mużikali tal-Katidral, dak iż-żmien miżmum fil-Mużew ta' l-istess Katidral fl-Imdina.[1] F'kamra żgħira fuq il-bejt fir-residenza tas-Sinjura Camilleri u bintha fi Triq Tonna f'Tas-Sliema, konna niżżilna kwantità kbira ta' mużika li darba kienet tappartjeni l-attività kontinwa tal-familja Camilleri. Il-mużika ma kinitx biss ta' element sagru iżda wkoll partituri li kienu jindaqqu mill-baned li Ferdinandu u Ġużeppi kienu diretturi tagħhom.

Niftakar ukoll li magħhom kien hemm ukoll bċejjeċ operistiċi u arranġamenti u akkumpanjament għall-pjanu li fihom ħarġet teknika sofistikata u interprettattiva. Dawn kienu l-fulkrum mir-ripertorju esegwit minn Ġużeppi Camilleri fis-swali u teatri fosthom it-teatru tar-*Radio City* fil-Ħamrun. Nirreferi għall-mod kif Ġużeppi Camilleri kien imfaħħar għall-akkumpanjament tiegħu mis-Sopran ta' fama internazzjonali Maria Caniglia waqt żewġ kunċerti li kienet tat f'Malta



fit-Teatru Orpheum, f'Mejju 1950.[2]

Mużika oħra misjuba qalb il-kaxex miksija trab kien hemm ukoll xi partituri mużikali ta' l-aħwa Gavino, Emanuele, Enrico u missierhom Vincenzo Camilleri b'dan ta' l-aħħar jibqa' magħruf bħala l-pijunier tal-mużika bandistika f'Ħal Luqa fit-twaqqif tal-Banda L-Unjoni.

Bla dubju, l-akbar ġabra mużikali kienet miktuba minn Ferdinando Camilleri li fiha tixhed il-ħila mużikali artistika, il-melodiji ħelwin u mexxejja li wassal Mastru Dandu – għax hekk kienu jafuh!

Ix-xogħol metakuluż fuq dawn il-partituri fit-tnaddif, tqassim, klasifikazzjoni u katalogazzjoni li kont għamilt kważi għoxrin sena ilu qed tkompli tħalli l-frott biex surmastrijiet jeżegwixxu bċejjeċ minn dan il-wirt u anke wkoll jiġu rrekordjati.

Ferdinando Camilleri huwa bin Vincenzo Camilleri u Grazzja mwielda Fava, twieled Ħal Luqa fid-29 ta' April 1859. Huwa ġie mgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' l-istess raħal mill-Kappillan Dun Vinċenz Magri u ġie mogħti l-ismijiet ta' Ferdinando, Giuseppe u Giovanni.[3]

Ta' età żgħira, missieru, li kien surmast magħruf f'Ħal Luqa, għallmu l-ewwel passi ta' l-arti mużikali.[4] Għadu ċkejken kien diġà jdoqq tajjeb il-flawt u l-vjolin. L-armonija u l-kompożizzjoni studjahom taħt ħuh Enrico. Wara kompla tħarreġ għand Dun Ġużeppi Spiteri Fremond, Patri Agostinjan.[5] Fl-età ta' 23 sena, Camilleri mexxa l-orkestra fl-okkażjoni ta' l-ewwel quddiesa ta' Dun Indrì Mifsud fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Il-*Kyrie* u l-*Gloria* kienu komposti minn Camilleri stess.[6] Ftit żmien wara, il-familja marret toqgħod fil-villeġġatura f'Tas-Sliema.

Mastru Dandu kien imfittex għall-mużika sagra. Fl-1882 kiteb il-*Gloria in Exc. No.1* għal żewġ tenuri u baxx.[7] Kiteb żewġ quddisiet kbar, waħda ddedikata lil San Gejtanu u l-oħra lill-Madonna Kewkba tal-Baħar b'approvazzjoni tal-Vatikan fl-1909.

Kompożizzjoni oħra li tixhed il-ħila melodika ta' Camilleri hija *O Salutaris Hostia* komposta fl-24 ta' Marzu 1900 li kitibha għal żewġ tenuri, baxx u kor ta' tfal.[8] Din kienet ġiet eżegwita nhar is-17 ta' April 1900 – festa tal-Kwaranturi li nżammet fil-knisja tal-Franġiskani Minuri tal-Belt Valletta.[9]

Ferdinando Camilleri huwa magħruf ukoll għal diversi antifoni u innijiet li kkompona għall-bosta festi, l-aktar dawk il-parroċċi u knejjes oħra li tagħhom Ferdinando kien *Maestro di Cappella*, fosthom

l-antifoni *Manum Suam* għall-festa ta' Sant'Elena f'Birkirkara, *Virgo Prudentissima* għal Stella Maris, u *Prudens et Vigilans* għal Santa Katarina ta' Lixandra fiż-Żurrieq. Kiteb ukoll l-antifona għal Sant'Andrija f'Ħal Luqa li fl-1930 ħadet post dik miktuba minn Anton Nani.[10] Barra dawn, Ferdinando kiteb għadd kbira ta' mużika sagra inkluż salmi, responsorji u mużika profana.

## Il-*Quddiesa tat-Trombi*

Bla dubju, l-aktar xogħol rappreżentattiv ta' Ferdinando Camilleri hija l-Quddiesa Solenni magħrufa bħala l-Quddiesa tat-Trombi li fiha l-kompożitur iddaħħal il-karatteristiċi kollha li jagħmlu x-xenarju artistiku tal-familja Camilleri – mużika mexxejja u tal-widna bl-aktar mod sempliċi kif kien qed jesiġi l-*Motu proprio*, orkestrazzjoni varjata li fiha tispikka d-daqq tat-trombi interzjati bl-aktar mod effettiv fis-*Sanctus* kif ukoll fid-daħla bl-istrumentazzjoni ta' l-*Agnus Dei*.

Hemm min isostni li l-oriġinal tagħha kienet il-quddiesa Solenni *San Gaetano* ta' Ferdinando Camilleri. Jidher li l-*Credo* li xi drabi kien jiddaħħal fiha x'aktarx kien meħud minn din il-quddiesa bil-movimenti l-oħra huma kollha kitba ta' Ġużeppi Camilleri.[11]

Kienet drawwa li Ġużeppi kien jadatta u jiżviluppa xogħlijiet ta' missieru kif fil-fatt għamel fl-Antifona ta' San Gejtanu *Querite primum* fejn huwa rfina l-orkestrazzjoni u daħħal solo effettiv fin-nofs u ħadet il-forma ternarja minflok dik binarja kif kitibha missieru.

## Il-Mużika Profana

Il-mużika profana ta' Ferdinando tista' tinqasam fi tnejn – dik orkestrali u għall-banda. Għall-orkestra kiteb numru ta' sinfonija fosthom Sinfonija No. 4 *Un Raggio di Luce*.[12] Din kienet reġgħet ħadet id-dawl f'kunċert vokali u strumentali li kien inżamm fit-Teatru Manoel fid-9 ta' Frar 1992, fl-okkażjoni tal-ftuħ tat-terminal il-ġdid ta' l-ajruport internazzjonali ta' Malta, kif ukoll aktar riċenti ġiet irrekordjata fl-album intitolat *Sacred Music of the Early Twentieth Century by Maltese Composers*.

F'Jannar 1881, kiteb is-Sinfonija No. 6 *La Rivista*.[13] Is-Sinfonija No. 3 iġġib l-isem ta' *L'Astro d'Argente*.[14] Kiteb numru ta' valzi u polki bħal *La Speranza*, Polka No. 1 miktuba fl-1874.[15] F'dik l-istess sena kkompona *Galopp* b'dedika lil Paolo Cutajar,[16] il-bniedem li f'isem d-ditta Franċiża *Fulliany Pere de Fils*, għamel offerta għat-tiswija ġenerali wara l-ħruq tat-Teatru Rjal fl-1873.[17]

Bid-dħul tal-*Motu Proprio* wassal biex bosta kappillani bdew jistiednu lil Camilleri jmexxi l-mużika fil-festi. Wieħed irid jiftakar li l-*Cappella* mużikali Nani u dik Bugeja ddgħajfu u ħadu posthom dawk li bdew jiktbu mal-konfini kif mitlub fil-*Motu Proprio* fosthom Carlo Diacono, Ġużeppi Caruana u Ferdinando Camilleri li t-tlieta li huma kellhom l-aqwa *Cappella* mużikali matul is-seklu għoxrin.

Fil-fatt, lil Ferndinando nsibuh bħala *Maestro di Cappella* f'għadd kbir ta' parroċċi u knejjes madwar Malta u Għawdex. Fl-1920 laħaq *Maestro di Cappella* fil-Knisja Kolleġġjata u Martriċi ta' Sant'Elena f'Birkirkara b'talba li kien għamel fl-1918 wara li s-Surmast Ricardo Bugeja kien irtira.

Għamel snin twal *Maestro di Cappella* f'bosta parroċċi fosthom fiż-Żurrieq, Ħamrun, Attard, Gudja, Marsa, Għargħur, Msida, Mellieħa, Naxxar, Ħal Luqa, fis-Sacro Cuor u Stella Maris f'Tas-Sliema.

Għan-Naxxar ikkompona żewġ innijiet għall-festa tal-Vitorja - *O Tfajla Immakulata* u *Ngħannulek bil-Ħlewwa*. Dawn tkantaw għall-ewwel darba fl-1919.[18] Fl-1933, Ferdinando flimkien ma' ibnu Giuseppe għamlu talba biex jinħatru uffiċjalment *Maestri di Cappella* fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Qormi, servizz li kienu ilhom jagħmluh għal għaxar snin sħaħ.[19]

## Fl-Imqabba

Fl-Imqabba għadha tindaqq il-Quddiesa tat-Trombi. Jidher li Camilleri ma kitibx antifona lill-Madonna biex tindaqq fir-raħal tagħna. Snin ilu kienet tindaqq l-antifoma ta' Carlo Diacono *Ad Hodie*, x'aktarx li nkitbet fit-tletinijiet speċifikament għall-Madonna tal-Ġilju ta' l-Imqabba u llum din qed tindaqq fil-Qrendi u f'Marsaxlokk. Fl-Imqabba ma baqgħetx tindaqq minn wara li Diacono ma baqax imur fl-Imqabba fil-festa tal-Ġilju. Mro Frankie Diacono baqa' jiġi sas-sebgħinijiet.[20]

Ferdinando Camilleri ta servizz ta' tletin sena jdoqq il-flawt fit-Teatru Rjal. Kien hemm min jgħid li Ferdinando ġie mitlub idoqq fit-Teatru Covent Garden ta' Londra.[21]

## Surmast tal-Baned

Fis-sena 1886 insibu lil Ferdinando Camilleri jheġġeġ u jgħaqqad l-ewwel banda tiegħu bl-isem ta' *I Cavalieri di Malta*. Din daqqet għall-ewwel darba fis-26 ta' Settembru 1886 fix-xatt ta' Tas-Sliema taħt l-istess Surmast Camilleri.[22] Fl-1899 din il-banda waqgħet f'idejn Antonio Miruzzi.[23] Banda oħra li twaqqfet minn Ferdinando Camilleri kienet il-Banda Melita li għamlet id-debutt fix-xatt ta' Tas-Sliema nhar is-6 ta' Jannar, 1900.[24] Il-Banda Melita baqgħet attiva sa l-1903.

Sena wara bl-għajnuna ta' xi bandisti miż-żewġ baned ta' qabel u l-għajnuna ta' Francesco Zammit, ifforma l-Banda Queen Victoria bl-ewwel dehra tagħha tkun fix-xatt ta' Tas-Sliema fl-4 ta' Settembru 1904.[25] Din il-banda daqqet ukoll fl-okkażjoni tal-funeral ta' l-Avukat Fortunato Mizzi li sar fl-20 ta' Mejju, 1905 fejn il-bandisti kienu żanżnu uniformi ġdida.[26] Jidher li l-aħħar programm imwettaq minn din il-banda kien seħħ il-Ħadd 28 ta' Mejju 1908 f'Għar id-Dud.[27] Jingħad li l-uniformi ta' din il-banda kienet inbiegħat lill-Banda La Stella taż-Żurrieq, illum magħrufa bħala Queen Victoria.[28]

Għall-ħabta ta' l-1910, il-Banda Filarmonika *Nicolò Isouard* tal-Mosta ġiet f'idejn Ferdinado Camilleri, proprju wara t-tluq tas-Surmast Antonio Miruzzi. Ftit huwa magħruf dwar dan iż-żmien, iżda fl-1913 il-banda kienet ħadet sehem fil-Kungress Ewkaristiku, x'aktarx ukoll li ngħalaq il-kapitlu għal din il-banda f'dak il-perjodu. Fost il-





**Riproduzzjoni ta' l-ewwel faċċata mill-partitura tal-'Gloria' u tal-'Kyrie'**

kompożizzjonijiet li ħalla lil din is-soċjetà nsibu l-*Marcia Funebre La Morte di Cristo* li kien ġie eżegwit waqt Akkademja li fakkret il-ħamsin sena minn meta l-bomba Ġermaniża nifdet ir-Rotunda u ma splodietx.[29]

Fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina hemm marċ reliġjuż għall-proċessjoni tal-festa ta' Marija Assunta. Dan ix-xogħol kompost għall-banda u kor tat-tfal inkiteb f'Awissu 1910, is-sena li fiha Mastru Dandu ħa t-tmexxija tal-banda. F'dan il-manuskritt oriġinali insibu l-kitba awtentika ta' l-istess kompożitur li tgħid "per la banda di Casal Musta."[30]

Fl-1911 ġie magħżul surmast direttur mal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara fejn dam f'din il-kariga għal sena waħda.[31] Fl-1914, Ferdinando waqqaf il-Banda Stella Maris li sa llum qatt ma ħarset lura.[32] F'Novembru, 1917, Ferdinando ħa t-tmexxija tal-Banda La Pace b'salarju ta' 14-il xelin fix-xahar. Taħtu, l-banda kibret u mxiet 'il quddiem tant li sa l-1921 kienet tlaħħaq għal madwar erbgħin bandist. Huwa baqa' surmast ta' din il-banda sa l-1922.[33] Fl-1919, Ferdinando Camilleri kien l-ewwel surmast tal-Banda Sant'Elena f'Birkirkara.[34]

Is-Surmast Ferdinando Camilleri miet fit-8 ta' Marzu 1942 fid-dar tiegħu f'numru 133 Triq Blanche f'Tas-Sliema, fl-età ta' 83 sena. Indifen l-għada fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata wara li ngħatatlu l-aħħar tislima fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor f'Tas-Sliema.[35]

1. Il-ġarr tal-ġabra mużikali li kellha l-familja Camilleri kien inżamm fl-1989. It-trasport lejn l-Mużew tal-Katidral kien inżamm minni u mis-Sur Joe Borg, dak iż-żmien sagristan fil-Katidral fl-Imdina. Il-kuntatt biex issir id-donazzjoni kienet sar mill-Kuratur ta' l-istess mużew f'dak iż-żmien il-Kan. Dun Ġwann Azzopardi.
2. *Times of Malta* 15 ta' Mejju 1950.
3. Arkivju Parrokkjali, Luqa. *Lib. Bapt.* Vol. V, p.255.
4. Mifsud Bonnici, R. *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum* (Malta, 1951), p.43.
5. Ibid.
6. Micallef, Dun Ġużepp. *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha* (Malta, ), p. 258.
7. Arkivju tal-Katidral, Imdina (ACM), Mus. Ms. 3639.
8. ACM Mus, Ms. 3698.
9. *Ibid.*
10. Micallef, Dun Ġużepp. P. 255.
11. Vella Bondin, Joseph *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin.* (Malta, 2000), p.126.
12. ACM Mus. Ms. 3712.
13. ACM Mus. Ms. 3713.
14. ACM Mus. Ms. 3711 A.
15. ACM Mus. Ms. 3733.
16. ACM Mus. Ms. 3742.
17. Bonnici Joseph & Michael Cassar. *The Royal Opera House, Malta* (Malta, ), p.
18. Catania, Paul *Il-125 Anniversarju tal-Banda Peace, Naxxar 1862-1987: L-Istorja tal-Banda fir-Raħal*, p. 33, 34.
19. Ittra miktuba ms-Surmastrijiet Camilleri lill-Kapitlu tal-Katidral. Din tinsab fil-kotba tal-ħlasijiet tal-Kapitlu miżmuma fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina.
20. Kommunikazzjopni mas-Sur Charles Farrugia
21. Mifsud Bonnici, R. p.43. Min-naħa l-oħra, f'kommunikazzjoni li kelli ma' waħda minn ulied Ġużeppi Camillieri waqt il-ġarr ta' l-arkivju tiegħu lejn l-arkivju tal-Katidral kienet qalet li Ferdinando qatt ma tiftakar li kien siefer.
22. *Il Portafoglio Maltese* 8/11/1886.
23. *Corriere Mercantile Maltese* 18/8/1899.
24. *Corriere Mercantile Maltese* 5, 9/1/1900.
25. *Malta Tagħna* 2/7/1904; 27/8/1904; 3/9/1904; *Malta e Sue Dipendenze* 3/8/1904.
26. *Malta e Sue Dipendenze* 22, 25/5/1905.
27. *The Malta Herald* 29/5/1908. Din il-banda reġgħet ippruvat terġa' tqum mill-ġdid taħt is-Surmast G. Gatt iżda ma damitx ħafna. *Cfr. Malta Tagħna* 20/1/1912.
28. Mifsud Bonnici, R. *Ġrajja ta' baned f'Malta u Għawdex* Vol. 1 (Malta, 1957), pp. 77-82. F'dak iż-żmien il-banda kien jisimha *La Concordia.*
29. *Il-Mument* 29/3/1992 p.10. Ittra miktuba minn Saviour Dimech, dak iż-żmien Segretarju tal-Banda Nicolò Isouard dwar Mro. Ferdinando Camilleri: Surmast tal-Banda Nicolò Isouard.
30. ACM Mus. Ms. 3754.
31. "Soċjetà Filarmonika Duke of Connaught's Own Band 1865-1990: 125 sena ta' banda f'Birkirkara", p.20.
32. Bisazza, John, "Rabta ta' mħabba bejn il-Każin tal-Banda Stella Maris u l-Madonna", f' *Il-Madonna u Tas-Sliema*,. (Malta, ), p.232.
33. Catania, Paul *Il-125 Anniversarju tal-Banda Peace, Naxxar 1862-1987: L-Istorja tal-banda fir-raħal*. Pp.33-34.
34. "Tagħrif Storiku fuq il-Banda Sant'Elena" (Programm tal-Banda Sant' Elena, 1986 fl-okkażjoni tal-festa titulari padruna ta' B'Kara).
35. Arkivju Parrokkjali San Girgor, Sliema. *Lib. Mort.* Vol. 1, p.16.

REA CERAMICS LTD

Suppliers of: Tiles, Skirting, Bathroom Suites, Fittings & Fire Logs

76, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa
Tel/Fax: 21651583 · Mobile: 79992469
e-mail: acholdings@camline.net.mt